MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 130/2005

Printwell Limited
vs
A.G. Ventures Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma certa, likwida u dovuta ta' ghaxart elef u disa' Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm10,009.41) li jinkludi l-VAT, u bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti pagament dovut fuq xoghol ta' stampar, kif komtemplat fid-dokumenti annessi u mmarkati bhala Dok PW1 sa PW39, liema xoghol kien sar fuq struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, oltre l-interessi fuq l-istess mid-data ta' meta kien sar ix-xoghol sad-data tal-pagament effettiv.

Illi ghalkemm is-socjeta` konvenuta f'diversi okkazjonijiet, kienet weghdet li ser thallas il-bilanc ta' dak dovut hija naqset milli thallas.

Illi s-socjeta` konvenuta, nonostante l-fatt illi diversi drabi interpellata biex thallas, baqghet inadempjenti.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex a tenur ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) u in vista tal-affidavit ta' Joseph Pace nomine (Dok PW40):

1. Tigi kundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elef u disa' Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm10,009.41) fuq imsemmija.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali datata 14 ta' Ottubru 2004 u tal-ittra gusizzjarja ta' Dicembru 2004, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici ma huwiex dovut u dana ghaliex saret tpacija b' materjal (films u plates) uzat fil-process ta' stampar, liema materjal huwa proprjeta` tas-socjeta` konvenuta u li ghadu tutt'ora fil-pussess tas-socjeta` attrici u dana kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost l-ammont pretiz mis-socjeta` attrici mhux kollu dovut u dana kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

3. Illi s-socjeta` konvenuta ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u dan ghaliex kemm-il darba interpellat lis-socjeta` attrici sabiex tirritorna l-materjal

(films u plates), izda sal-gurnata tal-lum baqghet inadempjenti.

4. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat l-affidavit ta' Raymond Pace fejn issemma li s-socjeta` attrici hija kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma certa, likwida u dovuta ta' ghaxart elef u disa' Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm10,009.41) rapprezentanti pagament dovut fuq xoghol ta' stampar.

Rat affidavit iehor ta' Raymond Pace fejn issemmi li hu direttur tal-Printwell Limited. Zied li ilu jaf lil Frank Cachia personali ghal dawn l-ahhar erba' snin. Dan sar jafu l-ewwel darba meta kien mar ghandhom biex jahdmulu xi xoghol tal-***printing***. Frank Cachia kien jaghmel l-ordnijiet tieghu ghan-nom tal-kumpanija A.G. Venutres Limited.

Rat l-affidavit ta' Raymond Gatt fejn issemma li hu ilu ghal dawn l-ahhar tnejn u ghoxrin (22) sena impjegat ***full-time*** mal-kumpanija Printwell Limited. Ix-xoghol tieghu jinkludi ***printing*** u ***binding***. Jaf lil Frank Cachia bhala klijent regolari tal-Printwell Ltd. Mhux l-ewwel darba li tkellem mas-Sur Cachia meta kien imur sal-istamperija in konnessjoni max-xoghol li kien ikun qieghed isir ghal kumpanija tieghu A.G. Ventures Ltd. Hu personalment kien hadem fuq diversi ***stationery*** bhal ***letterheads, visiting cards, envelopes u receipts books***, kif ukoll ***menus*** ghal Frank Cachia. Jiftakar li darba fost l-ohrajn, ghal bidu tas-sajf tal-2004, l-imghallem tieghu Raymond

Pace kien talbu sabiex jghaddi lil Frank Cachia numru ta' ***printing plates*** jew kif ahjar jsibuhom pjanci tal-***printing***. Dawn il-pjanci kienu tat-tombla ghall-uzu mill-***Club de Bingo***. Hu ghabba personalment il-***plates*** kollha tat-tombla fil-van ta' Frank Cachia.

Rat l-affidavit ta' Helen Maria Borg fejn spjegat li hi impjegata bhala ***typesetter*** fuq bazi ***fulltime*** mal-Printwell Limited izda tiehu hsieb parti mill-amministrazzjoni tal-Printwell Limited. Ilha impjegata mal-Printwell Limited ghal dawn l-ahhar erba' snin. Qalet li taf lil Frank Cachia personalment peress li kien imur fuq il-post tax-xoghol taghha ta' sikwit peress li kien jahdem ghand il-Printwell Limited. Huwa kellu xoghol mal-Printwell Limited bhala A.G. Ventures Limited u aktar tard bhala Z.C.N.C. Limited. Taf li Printwell Limited kienet taghmel diversi xogholijiet ghall-kumpanija ta' Frank Cachia, inkluz printing ta' ***bingo sheets***. Hi kienet tghin fl-***order forms*** kif ukoll fil-***billing*** in konnessjoni max-xoghol li kien isir lill-kumpanija ta' Frank Cachia. Kienet ukoll iccempel lil Frank Cachia sabiex ihallas xi haga kull xahar ***on account*** minhabba li l-kontijiet tal-kumpanija tieghu kienu telghu hafna. Tiftakar tisma' lill-imghallem taghha Raymond Pace jaghti struzzjonijiet specifici lil Raymond Gatt, ***printer*** mal-Printwell Limited, sabiex jghaddi lil Frank Cachia l-***printing plates*** tat-tombla li kienu gew uzati ghax-xoghol lik A.G. Ventures Limited. Tiftakar ukoll li l-***job sheets*** kienu jghajtu lil A.G. Ventures Limited. Taf ukoll li barra l-***plates*** tat-tombla, l-imghallem kien ukoll inkarigaha tghinu sabiex tiehu l-***films*** tax-xoghol kollu li kien sar ghand il-Printwell Limited mill-kumpanija ta' Frank Cachia. Dan sar ghaliex Printwell Limited ma kenitx ser tibqa' tahdem ghall-A.G. Ventures Limited. Il-***films*** gew mghobbija fil-van ta' Frank Cachia.

Xehed Frank Cachia u qal illi hu direttur fl-A.G. Ventures Limited. Ra dak li talbet is-socjeta` attrici u qal illi hu ma kellu jaghti kwazi xejn lis-socjeta` attrici u dan minhabba l-fatt illi l-ewwel nett mhuwiex veru li nghataw booklet li kien hemm xi ***bingo sheets*** illi fil-fatt kellu jaghti l-hlas fuqhom izda mbaghad kien hemm ukoll ***films*** u ***plates*** u ***cutters*** u li ghalhekk ma kellu jaghti kwazi xejn. Ghalhekk

ikkontesta l-ammont bhala li huwa cert, likwidu u skadut u cahad li kellu jaghti s-somma msemmija. Xehed in kontro-ezami fejn qal illi fuq id-dokument esebit illum kellu li l-fotokopja li kien qed jara hemm il-firma tieghu fuqha u fil-fatt jiftakar li kien sar dan il-ftehim u li hu kien ghamel dan il-ftehim ghan-nom ta’ A.G. Ventures Limited u min-naha l-ohra l-kontro-parti li ffirmat il-ftehim kien Gaming Operations Limited. Min kien li ffirma n-naha l-ohra ma jiftakarx, jaf li kienu tlieta min-nies dak iz-zmien li kienu jmexxuha pero` min minnhom li ffirma ma jafx. Pero` kkonferma li m’huwiex is-Sur Pace. Mistoqsi ghaliex hu kien qed jippretendi lura l-***plates*** minghand is-Sur Pace meta l-ftehim li sar kien sar mad-ditta msemmija qal illi dan fil-fatt huwa xi haga kompletament differenti u dan fis-sens li hu kien ghamel il-kuntratt ma’ Gaming Operations Limited, hu mbaghad kien qabbad is-***subcontractor*** tieghu li f’dan il-kaz huwa Printwell Limited li huma kellhom l-obbligu li fil-fatt jirritornawlu l-***plates*** u l-***films***. Kien ilu ghaddej ix-xoghol mal-Gaming Operations Limited perjodu ta’ xhur, forsi sena, sentejn. Mistoqsi x’kienet ir-raguni ghalfejn il-***plates*** kienu jibqghu hemmhekk qal ghax peress li jkollok ***re-prints*** allura hemm bzonn li jibqghu hemmhekk. Jibqghu ghand Printwell Limited u li huma proprjeta` tieghu izda mizmumin ghandhom. Mhux minnu li Helen Borg u Ray Gatt kienu gabulu l-***bingo sheets***.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mill-kumpanija attrici stante li kienet imqabbda fuq inkariku tas-socjeta` konvenuta taghmel xoghol ta’ stampar, liema xoghol ta’ stampar gie debitament konsenjat lis-socjeta` konvenuta hekk kif gie allegat mis-socjeta`attrici. Ghalhekk, il-kumpanija attrici sostniet li ghandha tithallas is-somma ta’ ghaxart elef u disgha Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM10,009.41) il-prezz dovut rigward il-konsenja ta’ dawn il-prodotti. Illi fin-nota tal-eccezzjonijiet, is-socjeta` konvenuta eccepiet preliminarjament li l-ammont pretiz mhux dovut u dan ghaliex saret tpacija b’materjal (***films*** u ***plates***) uzat fil-process ta’ stampar, liema materjal huwa proprjeta` tas-socjeta` konvenuta, u li ghadu fil-pussess tas-socjeta` attrici. Gie eccepit ukoll li l-ammont mhux

kollu dovut, u li s-socjeta` konvenuta m'andhiex tbaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Irrizulta li s-socjeta` attrici ghamlet xoghol ta' stampar fuq struzzjonijiet tas-socjeta` konvenuta liema xoghol jammonta ghal bilanc ta' ghaxart elef u disgha Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM10,009.41) hekk kif jirrizulta mid-dokumenti (a fol 6 sa 39). Gie sostnut mix-xhieda Ray Gatt u impjegati ohra tal-kumpanija Printwell Limited li kienu saru numru ta' pjanci tat-tombla li inghataw lil Frank Cachia ghan-nom tal-kumpanija A.G. Ventures Ltd. Irrizulta li xi zmien wara bdew il-problemi dwar il-hlasijiet u Ray Pace, ***Managing Director*** tal-Printwell Limited ikkonferma l-ammont dovut (a fol 161 sa 169). Din l-evidenza giet ikkonfermata ukoll minn persuni ohra, impjegati ta' Printwell Limited, fosthom Helen Maria Borg li sostniet li l-pjanci tal-istampar tat-tombla kienu jghajtu lil A.G. Ventures Limited u kif ukoll li l-***films*** tax-xoghol kollu li kien sar ghand Printwell kien gie mghobbi fil-van ta' Frank Cachia (a fol 195).

Min-naha l-ohra, Frank Cachia ghas-socjeta` konvenuta ikkontesta u rribatta dak li inghad mis-socjeta` attrici. Sostna li A.G. Ventures kienet tghaddi d-disinn lil terza kumpanija biex isiru l-***films***, fejn minn dawn l-istess ***films*** il-kumpanija Printwell kienet taghmel il-pjanci tal-istampar. Sostna wkoll li l-pagamenti min-naha tas-socjeta` konvenuta komplew b'mod konsistenti, kif ukoll li l-films qatt ma rcevihom minghand is-socjeta` attrici, izda li kien ircieva biss il-pjanci tal-***bingo***. Hu sostna wkoll permezz tad-dokumenti a fol 181 sa 183 li l-ammont dovut minn Printwell Limited ghall-***films*** u pjanci li ghadhom fil-pussess tas-socjeta` attrici jammonta ghal sitt elef, mitejn u tnejn u sittin Liri Maltin u erbgha u disghin centezmu. (LM6,262.94). Ghalhekk, huwa eccepixxa t-tpacija.

Illi l-artikolu 396 tal-Kap 12 jiddisponi:
"Fil-kawza, l-konvenut jista' jaghmel kontro-talba kontra l-attur, basta li din il-kontro-talba tkun konnessa mat-talba tal-attur kif sejjer jinghad hawn taht"

U fis-subartikolu (b) jinghad hekk:

“meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li jpaci l-kreditu mitlub mill-attur, jew li b’kull mod iehor igib fix-xejn l-azzjoni tal-attur  jew li jimpedixxi l-effetti taghha.”

Ghalhekk, il-ligi fir-rigward tal-kontro-talba, tuza l-kelma “jista’” li jfisser li din  mhux rekwizit essenzjali u obbligatorju.

Di piu` l-artikolu 1196 tal-Kap 16 jipprovdi hekk:
“Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpacija.”

U fis-subartikolu 2:
“It-tpacija ssir ***ipso jure***, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri.  Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor sakemm ikunu ndaqs.”

U l-artikolu 1197 ikompli ighid hekk:
(1)”It-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom it-tnejn bhala oggett somma ta’ flus, jew kwantita` determinata ta’ hwejjeg fungibbli tal-istess speci, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu.”|
(2) “Id-dejn huwa likwidu meta huwa cert ukoll f’dik li hija kwantita`.”

Ghalhekk, johrog car mil-ligi li biex tregi tali ecceazzjoni ta’ tpacija l-ammont irid ikun, cert, likwidu u dovut.  (Ara **Marianna Spiteri et vs Joseph Vella** deciza mill-Prim’ Awla Qorti Civili fit-3 ta’ Mejju 1993, u **Rausi Insurance Agency Ltd. vs Antoine Vassallo** deciz mill-Prim’ Awla Qorti Civili fid-19 ta’ Novembru 2003.

F’dan il-kuntest, ta’ min isemmi li fil-kaz **Marianna Spiteri et vs Joseph Vella** deciz mill-Prim’ Awla Qorti Civili fit-3 ta’ Mejju 1993 inghad li:
“minn dan nara li l-eccezzjoni ta’ tpacija fiha nfisha tammonta ghal ammissjoni tad-debitur, u li dan id-debitu huwa dovut, biss mghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur.”

(Ara wkoll **Donald Orr noe. vs Edward Gingell Littlejohn et,** Appell Kummercjali tat-18 ta’ Gunju 1984, u

**Stefan Zrinzo Azzopardi noe vs Michael Vella noe,** deciz mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta' Frar 1995, **Macpherson Mediterranean Ltd. vs J.Lautier Co. Ltd.** deciza mill-Prim' Awla fl-1 ta' Ottubru 2002, **Adrian Stivala vs Gerald de Trafford** Prim' Awla 5 ta' Ottubru, 1998, **Joseph Agius et noe vs peter cassar Torregiani et noe** Prim' Awla 30 ta' Marzu, 2001 [LXXXV-II-II-III-392]; **Leonard Vassallo Cesareo vs Alexander Grima et** Prim' Awla 28 ta' Ottubru 1998.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Philip Grima vs Carmel Mamo et** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Superjuri Civili deciza fid-29 ta' Mejju 1998 intqal:
"Il-kompensazzjoni ma tistax tigi eccepita meta l-kreditu minflok ikun cert, likwidu u dovut, ikun wiehed dibattut u suggett ghal-litigazzjoni f'kawza separati. Bizzejjed jinghad li l-kawza l-ohra li ghaliha saret referenza tirrigwarda pretensjoni tal-attur li hu ghandu dritt ghad-danni sofferti bhala konsegwenza li l-konvenuti naqsu li jaghmlu x-xogholijiet li kellhom jaghmlu skond l-arti u s-senghau skond il-ligi. F'dawn ic-cirkostanzi allura ma jidhirx kif l-ewwel Qorti setghet taccetta eccezzjoni ghat-tpaija meta ma jokkorrux l-elementi bazici li trid il-ligi biex dan ikun jista' jsehh, kif korrettement enuncjat is-sentenza appellata.

Illi in tema legali gie ritenut mill-Qrati Taghna, illi l-kompensazzjoni ssir ***'ipso jure'*** u anke minghajr ma jkunu jafu d-debituri hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, jinqatlu wiehed bl-iehor, safejn ikunu indaqs. Izda, l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ***'ipso jure'*** ghar-rigward tal-krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra."

"Fi kliem iehor il-kompensazzjoni ma tistax issir jekk mhux bejn zewg debiti, ugwalment likwidi u certi. Inoltre`, "ghalkemm il-likwidita taz-zewg krediti mhix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, izda meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott in kompensazzjoni mhix facli u spedita, dik il-kompensazzjoni mghandhiex tigi facilment akkolta."

(Kol.XXXVII, p.1, p.490) (XVII, P.IIIp.4). U fil-kawza **Ellul vs Scicluna,** Appell, 2 ta' Frar 1903, (Vol.XVII, pI, p.79) gie ritenut li:

"l-eccezione della compensazione gudiziale non e` ammissibile quando il credito di chi li deduce sida di lunga lioquidazione." (Vol.XVIII, p.I, p.79)."

Hekk gie ritenut b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tal-1 ta' Gunju, 1990 fl-ismijiet **L-Avukat Dr. John mamo noe vs Edward Borg proprio et noe.** Insenjament dan li baqa' jigi segwit b'mod konsistenti minn dawn il-Qrati u li ma hu xejn hlief rifless tal-istat tal-ligi kif enuncjat fil-Kodici Civili.

"Imma l-kompensazzjoni ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha ***'ipso jure'*** ghar-rigward ta' krediti li ma kinux ammessi mill-parti l-ohra."
**(**Appell Civili, 18 ta' Mejju 1953, **Paul Abela vs Paul Laferla noe,** Vol. XXXVII, pIp.490, u decizjoni ohra ta' din il-Qorti tat-2 ta' Novembru 1995, fl-ismijiet **Dr. Jose` Herrera noe. Vs Victor Tabone noe.).**

Fil-kaz in ezami, il-pretensjoni tas-socjeta` attrici hija certament ghal ammont likwidu fis-somma ta' ghaxart elef u disgha Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (LM 10, 009.41) skond id-dokumenti a fol 6 sa 39, mentri l-pretensjoni tas-socjeta` konvenuta ma tirrizultax f'ammont cert u likwidu. Ghalkemm hemm accenn mix-xhud Frank Cachia fid-dokument a fol 181 tal-ammont ghal ***films*** u pjanci li ghadhom fil-pussess tas-socjeta` attrici, dan mhux sufficjenti peress li Frank Cachia ma sostniex dan biss izda li sahansitra hu stess ghandu jiehu mis-socjeta` attrici. U peress li dan ma jirrizultax car mill-atti, u stante li ma jirrizultawx ir-rekwiziti kollha essenzjali tat-tpacija, u ghalhekk tichad l-ewwel eccezzjoni.

Hawnhekk, ta' min ighid ukoll li fi ftehim bil-miktub, il-kontenut ghandu johrog mill-istess kitba. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri tat-28 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Frendo vs Caruana** jinghad li huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut tal-istes ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-

diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftehmu fuqu, ikun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuzz izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta tat-22 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet **Simpson vs Saliba.**

Illi fil-kaz odjern saret referenza ghall-ftehim a fol 202 fejn kien sar ftehim bejn A.G. Ventures u Gaming Operations Ltd. Illi Frank Cachia sostna li Printwell Limited kellhom l-obbligu li jirritornawlu l-pjanci u l-films ghax kien qabbadhom bhala ***sub-contractors*** wara dan il-ftehim li kien ghamel mal-Gaming Operations Limited; dawn huma allegazzjonijiet li fil-fehma ta' din il-Qorti ma gewx sufficjentement ippruvati. F'dan il-kuntest, ta' min ighid li min jallega fatt ghandu l-piz tal-prova fuq spallejh. – **Gustav Ricci vs Harry Latzen** deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar 1965.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, wara dak li inghad fuq fejn giet michuda l-eccezzjoni tat-tpacija, gie ippruvat ukoll li l-ammont dovut fl-intier tieghu. Il-provi attrici kienu cari u certament mhux maqluba mill-kontroparti. Ghalhekk tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Kuntrarjament ghal dak sostnut mis-socjeta` konvenuta l-ispejjez huma haga logika tat-talbiet u eccezzjonijiet u ghalhekk tichad ukoll it-tielet eccezzjoni.

Peress li t-talba attrici tirrizulta ppruvata tilqaghha. Ghalhekk tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elef u disa' Liri Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm10,009.41).

Bl-ispejjez komprizi u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta u b'riserva tad-drittijiet li s-socjeta' konvenuta jista' jkollha dwar il-***films*** u ***plates*** in konnessjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------